## 24 ta' Marzu, 1954

**Imħallef :**
**L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Anthony Blackman *versus* Mathilde Blackman

### Separazzjoni Personali — Alimenti — Dekadenza — Adulterju.

*Ir-raġel li jkun mifrud legalment minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt għall-alimenti tagħha kontra tiegħu mingħajr ma jagħmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq il-kawżali ta' l-adulterju, li kienet eskluża fil-motivi tas-separazzjoni u ssopravveniet wara.*

*Ebda ostakolu ma hemm għal domanda ta' separazzjoni personali bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri; imma jibqa' dejjem veru li r-raġel ma jistax iċaħħad l-alimenti dovuti lil martu bis-saħħa tas-separazzjoni precedenti mingħajr ma jagħmel kawża oħra kontra tagħha biex tiġi dikjarata d-dekadenza tagħha minn dawk l-alimenti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bonello tat-30 ta' Ġunju 1949 (dok. A) il-kontendenti sseparaw ruħhom minn xulxin għar-raġunijiet imsemmija fl-istess kuntratt, salv però l-obligu tal-fedeltà; u illi huwa obbliga ruħu li jgħaddi lill-konvenuta, għaliha nfisha, a titolu ta' alimenti s-somma ta' 5s. 6d. kuljum, dekorribbli mid-data tal-kuntratt, u għal dan il-fini ipoteka favur l-istess martu ħwejġu preżenti u futuri sas-somma ta' £500; u illi l-konvenuta għamlet atti inkompatibili ma' l-obligu tal-fedeltà tagħha lejh, u għalhekk huwa ma kompliex jgħaddilha r-rata alimentarja stipulata kif fuq imsemmi, u dana mis-26 ta' Settembru 1952, meta sar jaf bl-istess atti; u illi l-konvenuta, in eżekuzzjoni ta' l-imsemmi kuntratt, otteniet l-ispedizzjoni ta' mandat tas-sekwestru kontra tiegħu għall-alimenti fuq indikati, u in segwitu għall-istess mandat, per mezz ta' ċedola nru. 229/53 taħt l-awtorità ta' din il-Qorti (dok. B), is-sekwestratarju Reginald Warner ħala Mana-

ger ta' Barclay's Bank (D.C.O.) għadda għad-depożitu tas-somma ta' £55. 2. 7 biex tittieħed liberament mill-konvenuta jew minn min għandu dritt skond il-liġi; u illi l-konvenuta, b'rikors tas-7 ta' April 1953 (dok. C), talbet li tkun awtorizzata tiżbanka l-istess somma depożitata akkont tal-krediti tagħha msemmija fl-istess rikors, fosthom dak għall-manteniment tagħha personalment mis-26 ta' Settembru 1952 'il quddiem, għal liema żbank huwa oppona ruħu b'risposta preżentata l-lum stess in kwantu relativa għal dawn l-alimenti u għall-parti mill-alimenti dovuti lilha għat-tifel komuni Rosario (dok. D), b'mod li mid-depożitu fuq imsemmi jifdal ammont ta' £42. 1. 8;

Jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, u previa d-dikjarazzjoni li bħala konsegwenza tal-kondotta tagħha, kif fuq imsemmi u jirriżulta mid-dikjarazzjoni annessa u għad jiġi pruvat matul il-kawża, il-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' l-alimenti stipulati favur tagħha u lilha dovuti skond l-imsemmi kuntratt, jiġi minn din il-Qorti ordnat it-tħassir ta' l-ipoteka mdaħħla fir-Reġistru Publiku kontra tiegħu in kwantu tidher bħala garanzija ta' l-alimenti msemmija dovuti fil-kuntratt lill-konvenuta ta' 5s. 6d. kulljum, li ġġib in-numru 2330/1949, u huwa jiġi awtorizzat minn din il-Qorti jiżbanka l-bilanċ ta' £42. 1. 8 li fadal mid-depożitu magħmul biċ-ċedola ġà ċitata nru. 229 tas-sena 1953, u dana non ostanti kull oppożizzjoni tal-konvenuta. Bl-ispejjeż. Il-konvenuta ġiet imħarrka biex tidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bonello tat-30 ta' Gunju 1949, in segwitu għall-awtorizzazzjoni mogħtija mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti, il-kontendenti sseparaw ruħhom minn xulxin "minħabba inkompatibilità ta' karattru u minħabba raġunijiet oħra validi fil-liġi", kif ġie msemmi f'dak il-kuntratt, fejn issemma wkoll "salv dejjem l-obligu tal-fedeltà"—liema ħaġa turi illi dik is-separazzjoni żgur li ma saretx għal raġuni ta' adulterju ta' xi waħda mill-partijiet kontendenti. Waħda mill-kondizzjonijiet ta' dik is-separazzjoni kie-

net illi l-attur obliga ruhu illi, sakemm idum haj, jghaddi lill-konvenuta, ghaliha nfisha, bhala alimenti s-somma ta' 5s. 6d. kuljum;

Illi, kif jidher biżżejjed ċar mill-att taċ-ċitazzjoni, l-attur intenta din l-azzjoni biex iwaqqaf u ma jkomplix jaghti iżjed lill-konvenuta l-alimenti fuq imsemmija, ghar-raġuni u bhala effett li hija naqset versu lejh fl-obligu tal-fedeltà konjugali, kif huwa jippretendi, u ghalhekk iddekadiet mid-dritt li hija tkompli tiehu minn ghandu l-istess alimenti;

Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur hi evidentement diretta biex jiġi dikjarat illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ghal dawn l-alimenti minhabba l-kondotta taghha, kif jinsab pretiż minnu. Tabilhaqq, it-talbiet ta' l-attur huma dipendenti minn din id-dikjarazzjoni, li l-attur ippremettiha, u talab li tiġi deċiża, ghall-istess talbiet;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie ritenut minn dina l-Qorti fis-27 ta' Ġunju 1952 fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Gauci vs Francesca Gauci", l-attur ma setax jitlob id-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt ta' l-alimenti minghajr ma jaghmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq il-kawżali ta' adulterju. Kif intqal f'dik is-sentenza, xejn ma jiswa illi l-kontendenti jinsabu separati; ghaliex dik is-separazzjoni tiffurma stat bejniethom fuq il-fatt li ddeterminaha, jiġifieri "inkompatibilità ta' karattru u raġunijiet ohra validi fil-liġi", imma żgur mhux ukoll ghar-raġuni ta' adulterju; ghaliex fil-kuntratt tas-separazzjoni personali ġiet eskluża, jew ahjar saret bhal riżerva ghaliha, jekk kellu jinqala' l-każ, u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm ghal domanda ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri (Vol. XXIX—II—603);

Illi f'dan is-sens l-azzjoni ta' l-attur tinsab proposta hażin;

Ghal dawn ir-raġunijiet, u fil-kontumaċja tal-konvenuta;

Tillibera lill-istess konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.